MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 976/1997/1

Victor Bonnici
vs
Chairman Air Malta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, huwa sofra ingustizzja billi nghata transfer vendikattiv u malinn bir-rizultat li wkoll tilef beneficcji u promozzjoni importanti li kien misthoqq u bi dritt li jiehu fil-kumpanija Air Malta.

Illi r-rikorrent dahal jahdem mal-kumpanija mill-bidu nett sa mill-1973 fejn huwa matul is-snin kellu diversi karigi konnessi max-xoghol ta' Ground Handling fl-ajruport ta' Malta bi gradi ezekuttivi fejn propju fl-1988 huwa kien gie promoss ghall-kariga ta' Head fid-Dipartiment tal-ground Handling b'responsabilita` ta' zewg sezzjonijiet li kienu kemm dik tar-Rampa kif ukoll dik tal-Workshop. Huwa

kien ukoll jokkupa pozizzjoni ta’ membru tal-Bord tad-diretturi u meta sar Head kienet cara mill-istess Bord tad-diretturi li huwa kien it-tieni wiehed mill-gerarkija tad-Dipartiment u dan bl-intenzjoni miftehma li kellu jispicca r-rikorrent innifsu bhala Group Head meta dan ta’ l-ahhar jispicca. Dan huwa pruvat bid-dokumenti annessi mar-rikors.

Illi meta tbiddel il-Bord tad-Diretturi fl-1992 ir-rikorrent inghata responsabilitajiet godda billi u gara li f’dawn iz-zminijiet il-Group Head ta’ dak iz-zmien beda jwarrab lir-rikorrent mix-xena u sahansitra ma baqax ihallieh jaqdi l-funzjonijiet tieghu bhala “Ground Operations”. Dan ir-rikorrent kien ukoll gibed l-attenzjoni tac-Chairman ta’ dak iz-zmien.

Illi f’Settembru ta’ 1994 ir-rikorrent gie trasferit ghal dipartiment iehor fil-kariga li kien jokkupa bhala “Head of Cargo Operations” liema transfer sar wara 21 sena fil-“Group Handling” u li dan it-transfer sar bl-aktar mod umiljanti tant li dan kien ifisser li kien qed jokkupa kariga bl-istess livell bhal siehbu fid-dipartiment tieghu imma b’kundizzjonijiet ferm inferjuri bhala ma kienu differenza fis-salarju u beneficcju ta’ karozza.

Illi dan it-transfer sar b’zewg ghanijiet illi r-rikorrent jitlef it-tieni promozzjoni li hija dik ta’ “Group Head Ground Handling” li seta’ jehodha hadd iehor li kien sar Head ferm wara r-rikorrent, u li tinghata promozzjoni lil haddiehor ghal dik ta’ “Group Head” meta din tigi vakanti s-sena d-diehla u r-rikorrent wara t-transfer imsemmi ikun inutilment f’posizzjoni zvantaggjuza. Illi minhabba dan huwa gie mtellef il-promozzjoni ta’ “Group Head Ground Handling” u li ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda indikati fir-rikors u d-dokumenti annessi mar-rikors.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu, u jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas lilu

kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jidhirlu xieraq it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman Air Malta Company Limited li eccepixxa:

Illi l-pretensjonijiet maghmula fir-rikors ta' Victor Bonnici ghandhom jigu michuda kompletament ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi hija infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li s-socjeta` intimata qatt agixxiet b'mod ingust, vendikattiv jew malinn fil-konfront tieghu.

2. Illi hija infondata wkoll l-allegazzjoni tar-rikorrent li wara l-1992 il-Group Head ta' dak iz-zmien ma halliex lir-rikorrent jaqdi l-funzjonijiet tieghu jew li warrbu b' xi mod jew iehor.

3. Illi d-decizjoni tas-socjeta` intimata li tittrasferixxi lill-impjegati taghha minn sezzjoni ghall-ohra fi hdan l-istess socjeta` b'mod partikolari meta dawn jokkupaw karigi gholja u jkollhom hafna esperjenza, hija prerogattiva assoluta ta' l-imsemmija socjeta`.

4. Illi din il-prerogattiva tigi ezercitata fid-deskrizzjoni tas-socjeta` intimata skond l-esigenzi ta' l-istess socjeta` kif proprju gara fil-kaz tar-rikorrent u dana fil-kaz in kwistjoni sabiex l-esperjenza vasta li r-rikorrent kiseb tul is-snin tigi utilizzata f'sezzjoni ohra li hija tant importanti ghall-istess socjeta`.

5. Illi anki jekk bhala Head of Cargo Operations ir-rikorrent ma kellux l-uzu ta' karozza dan kien ghaliex in-natura tax-xoghol tat-taqsima partikolari ma kenitx tinhtieg l-uzu ta' karozza u karozza tinghata biss ex gratia u mhux bi dritt u skond il-htigijiet tat-taqsima partikolari, tant hu hekk illi mhux kull Head ghandu access ghall-karozza.

6. Illi in kwantu ghall-lanjanza tar-rikorrent rigward il-kariga ta' Group Head Ground Handling din hija bazata kompletament fuq supposizzjonijiet ta' l-istess rikorrent wisq izjed ghaliex il-kariga in kwistjoni ghadha ma saritx vakanti u ghadu mhuwiex cert sal-lum meta din se tkun, jew jekk qatt se tkun vakanti u dana ghaliex hija prerogattiva tas-socjeta` intimata li tirristrutturizza l-karigi fi hdanha, anki billi tabolihom jew tintegrahom ma' karigi ohra sabiex tammiljora l-organizzazzjoni ta' l-istess socjeta`.

7. Illi inoltre l-Bord tad-Diretturi qatt ma esprimiet ruhha fuq il-gerarkija fid-Dipartiment tar-rikorrent u wisq inqas ma ntrabtet illi r-rikorrent kellu b'xi mod jimla l-kariga ta' Group Head Ground Handling.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi jidher car illi ma kien hemm ebda ingustizzja kontra r-rikorrent u ghalhekk is-socjeta` intimata talbet lit-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li fl-1991 gie promoss ghall-grad ta' Head fid-Dipartiment tal-Ground Handling. Spjega li qabel gie ri-organizzat dan id-Dipartiment is-Sur A. Bonnici u hu kienu jmexxu dan id-Dipartiment. Qal li kien jaccetta li joqghod Head mas-Sur A. Bonnici bil-kundizzjoni li jibqa' t-tieni wiehed fil-gerarkija u kif jispicca s-Sur A. Bonnici jiehu l-pozizzjoni ta' Kap tad-Dipartiment. Semma li fl-1992 tbiddel ic-Chairman u l-bord tas-socjeta` u ftit zmien wara saret ri-organizzazzjoni

fil-gradi manigerjali. Fil-kaz tad-Dipartiment tal-Ground Handling zdied head iehor responsabbli mill-forniment tal-ikel u tindif tal-ajruplani. Ir-rikorrent inghata sezzjoni ohra Ground Operations minflok il-workshop. Qal li s-Sur A. Bonnici wara dan ma baqax jirrikonoxxi d-dmirijiet tieghu u beda jwarrbu u ta’ dan gibed l-attenzjoni tac-Chairman. Kompla jsostni li f’Settembru 1994 wasal il-mument li jitwarrab mid-Dipartiment tal-Ground Handling ghal kollox u fil-fatt hekk gara. Semma li f’Settembru 1994 intbaghat fid-Dipartiment tal-Cargo bhala Head Cargo Operations fejn hu u s-Sur Agius kellhom l-istess grad izda l-beneficcji kienu differenti u jinkludu l-uzu personali tal-karozza. Hu lmenta minn din l-ingustizzja li qal minbarra mill-aspett psikologiku kellha anki l-aspett finanzjarju. Esebixxa dokument a fol 26 tal-process li juri li kien imqabbad jattendi laqghat dwar id-Dipartiment tal-Ground Handling tant kemm hu kellu esperjenza fih u qal li sahansitra kien gie mqabbad jaqdi funzjonijiet manigerjali f’dan id-Dipartiment hekk kif jidher minn dokument a fol 33 tal-process. Ghalhekk sostna li sofra ingustizzja f’ illi f’ Settembru 1994 gie trasferit ghall-post ta’ Head Cargo Operations, u nghata kundizzjonijiet inferjuri ghal dawk ta’ Head bhalu fid-dipartiment, billi ma nghatax l-istess beneficcji fosthom karozza tal-kumpanija; u bit-transfer tal-1994 giet ippregudikata l-promozzjoni tieghu ghal Group Head, kif fil-fatt sehh f’ Lulju tal-1998 meta nhatar haddiehor (is-Sur J. Sammut).

Xehed <u>Lawrence Mizzi</u> Group Head Corporate Services mal-AirMalta. Qal li normalment min jinhatar f’din il-kariga ta’ Group Head ikun it-tieni l-iktar senior imma mhux dejjem. Qal li fi zmienu kien sar Group Head tal-Ground Handling is-Sur Joe Sammut. Spjega li l-appointment tal-Group Head kien isir direttament mic-Chairman jew mic-Chief Executive; din hi prerogattiva tac-Chairman. Qal ukoll li hu ma kienx involut bl-ebda mod fit-trasferiment li kien inghata s-Sur Bonnici, ir-rikorrent ghal Head Cargo Operations.

Xehed <u>Albert Mizzi</u> ex-Chairman tal-Airmalta li kien dam Chairman mill-1973 sal-1992. Qal li jaf lir-rikorrent bhala wiehed mill-impjegati tal-AirMalta u jafu wkoll bhala

Worker Director tal-Union. Qal li lir-rikorrent dejjem jafu go l-Airport mal-Group Handling. Zied ighid li qatt ma kien hemm rapporti negattivi fil-konfront tar-rikorrent. Semma li fl-1990 kien hemm ri-organizzazzjoni u kkreaw il-Group Heads. Qal li jiftakar li kien inhatar bhala Group Head is-Sur Bonnici llum irtirat. Zied ighid li jekk jiftakar sew ir-rikorrent kien wiehed dak iz-zmien li kkunsidraw bhala No. 2. Qal li din id-diskussjoni kienet tal-bord peress li kien hemm bord apposta li jaghzel l-appointees. Hu iddeskriva lir-rikorrent bhala bniedem addattat hafna biex jahdem go l-Airport u li kien ta' hila biex jilhaq ghal dan il-post.

Xehdet Rita Taylor East Manager Human Resources fl-Airmalta. Qalet fir-rigward tat-trasferimenti ta' persuni f'kariga gholja jsiru minhabba diversi ezigenzi fil-Kumpanija. Qal li ghall-kariga ta' Head hemm kuntratt separat u ghalhekk mhux kopert mill-collective agreement. Spjegat li l-Ground Handling u l-Cargo Section huma zewg sezzjonijiet differenti izda kemmxejn simili. Semmiet li l-Heads jintaghzlu by appointment. Qalet li meta r-rikorrent intbaghat il-Cargo Section kienet ittiehdet decizjoni biex din is-sezzjoni tinqasam fi tnejn. Qalet li s-Sur Agius kien inkarigat minn sezzjoni wahda u r-rikorrent kien inkarigat mill-Head of Cargo Section Operations. Fir-rigward ta' Heads li ghandhom karozza tal-Kumpanija qalet li hemm ftit; per ezempju l-Head Security peress li jkun 24 hours on call. Qalet ukoll li s-Sur Agius kellu karrozza bhala Head tal-Cargo Sale peress li fir-rigward tas-Sales kellu aktar giri x'jaghmel. Spjegat li peress li r-rikorrent kien inkarigat mill-Cargo Operations b'hekk ma kellux karrozza. Qalet li sa fejn taf hi l-appointments ta' Heads dejjem isiru minghajr intervista. Qalet li mill-verifiki li ghamlet Manuel Agius biss kien inghata karozza. Esebiet dokument a fol 70 tal-process li hi l-Employment History ta' Victor Bonnici, Tarcisio Bugeja u Manuel Agius. Esebiet ukoll dokument a fol 71 tal-process li juri li Victor Bonnici u Manuel Agius gew appuntati Heads fl-istess gurnata. Semmiet ukoll li dwar vetturi m' hemmx records izda s-Sur Manuel Agius seta' kien jaghmel uzu mill-vettura li kien hemm fid-Dipartiment.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda transfer li fil-fehma tar-rikorrent kien ingust. Hu veru li fil-kors tal-kawza r-rikorrent ipprova li jiggranfa difrejh ma' kull possibbilta` ta' ilment b' mod li inkluda diversi affarijiet ohra.

A] Fil-konkluzjonijiet tal-affidavit tar-rikorrent fol 22 ir-rikorrent jilmenta dwar il-fatt li ***beda jigi mwarrab fix-xoghol*** u ma thalliex jaqdi funzjonijiet kollha tal-Ground Operations. Jinghad li apparti jekk ir-rikorrent ghandux ragun jew le t-Tribunal mhux kompetenti ***ratione materiae*** u ghal dan l-iskop jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru 1999. Ghal dawn il-motivi jichad dan l-aspett tal-ilment.

B] Ir-rikorrent ilmenta li ***f' Settembru 1994 gie trasferit*** ghall-post ta' Head Cargo Operations u nghata kundizzjonijiet inferjuri billi ma nghatax l-istess beneficcji fosthom karozza tal-kumpanija. Irrizulta car li r-rikorrent gie moghti dan it-transfer. It-Tribunal diversi drabi hass li t-transfer irid ikun regolat u mhux sempliciment maghmul minghajr raguni valida. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

L-intimat nomine ma ta ebda raguni valida fin-nota tal-eccezzjonijiet fiex kienu jikkonsistu l-ezigenzi tas-servizz. L-uniku xhud tal-intimat li tkellmet dwar dan kienet Rita Taylor East Manager Human Resources fl-Airmalta li a fol 62 tal-process spjegat li kienet saret decizjoni mill-kumpanija dak iz-zmien biex il-Cargo Section li kellha funzjoni fundamentali tinqasam u tikber u ghalhekk li r-rikorrent kien intghazel propju biex jiehu sehem imexxi din is-sezzjoni. Illi t-Tribunal ihoss li ma sarux provi sufficjenti biex jispjegaw dawn l-ezigenzi tas-servizz u ghalkemm possibbilment din kienet ir-raguni valida xorta wahda ma gietx validament pruvata. Minn naha tieghu r-rikorrent semma t-tbatija li bata in konsegwenza ta’ dan it-transfer izda fil-fatt ma jirrizultax li r-rikorrent bata billi gie trasferit f’ xi ufficcju li ma kienx ta’ livell sufficjenti jew li spicca f’ xi lokalita` li ddejqek. L-unika haga li verament tilef kawza tat-trasferiment kienet l-uzu ta’ karozza li r-rikorrent ikkapitalizzaha fl-ammont ta’ Lm10800. It-Tribunal josserva li b’ ebda mod ma jaqbel ma’ din il-figura u li effettivament tali dritt tar-rikorrent ma kienx jezisti ghax din il-karozza tinghata mhux bhala parti mill-pay packet izda biex l-impjegati jkunu jistghu jaqdu tajjeb id-doveri assenjati lilhom. Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal ihoss li l-ammont gust kawza tat-trasferiment huwa dak ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000).

C] Ir-rikorrent ilmenta wkoll li ***kawza tat-transfer tal-1994 giet ippregudikata l-promozzjoni tieghu ghal Group Head.*** It-Tribunal ma ngabux provi quddiemu dwar din il-promozzjoni u ghalhekk certament ma jistax jikkonkludi la li r-rikorrent kien haqqu jiehu tali promozzjoni u anqas li ma kienx u li ghalhekk b’ ebda mod ma jista’ jaccetta l-argument tar-rikorrent li kawza tat-trasferiment imsemmi giet ippregudikata l-pozizzjoni tieghu dwar il-promozzjoni. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jaghmel provi dwar dan wara li jkun semma dan bhala wiehed mill-kapi tal-ilmenti fir-rikors prezentat minnu. Ghal dawn il-motivi jichad dan l-aspett tal-ilment.

Peress li ghalhekk isib l-aspett tal-ilment dwar trasferiment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju

kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------